MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1082/2006

**Maltacom plc. ( C-22334)**

**Vs**

**Mary sive Mariucca Engerer ( ID 611357M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn u disa u erbghin Lira Maltin u disa u sittin centezmu (Lm249.69c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21419034;
Bl-ispejjez u imghaxijiet legali;

Ra li l-konvenuta baqet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr. Ingrid Zammit Young tikkonferma bill-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------